## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

### tas-7 ta' Lulju 2009

### li tistabbilixxi t-tqassim annwali, skont l-Istati Membri, tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 69(2a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 2006/636/KE

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5307)*

(2009/545/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 69(4) tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba l-introduzzjoni tar-regoli ġodda ta' modulazzjoni, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (2), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 4101/KE (3) inbidlet bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2009/379/KE tal-11 ta' Mejju 2009 li tiffissal-ammonti li, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 378/2007, (KE) Nru 479/2008 u (KE) Nru 73/2009, huma disponibbli għall-FAEŻR u l-ammonti li huma disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (4).

(2) Minħabba li l-ammonti totali tal-approprjazzjonijiet tal-impenn żdiedu b'EUR 600 miljun u b'EUR 420 miljun għas-snin 2009 u 2010 rispettivament, liema żieda kienet deċiża fil-qafas tal-ftehim dwar il-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (EERP), id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/493/KE (5) ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2009/434/KE (6). Biex tkun żgurata l-konsistenza, dawn l-ammonti għandhom jiġu ffissati skont l-Istati Membri wara li jiġu segwiti l-kriterji tat-tqassim.

(3) Minħabba l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2009/379/KE u tad-Deċiżjoni Nru 2009/434/KE, l-ammonti li huma disponibbli għall-FAEŻR għandhom jiġu adattati u jiżdiedu mat-tqassim annwali tal-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2000/636/KE tat-12 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi l-analiżi annwali mill-Istati Membri tal-ammont għall-għajnuna Komunitarja għall-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2007 (7) u l-31 ta' Diċembru 2013 għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammont imsemmi fl-Artikolu 69(2a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 huwa ffissat skont is-sena u skont l-Istat Membru fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2006/636/KE għandu jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-sena tal-baġit 2009.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.
(2) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.
(3) ĠU L 163, 15.6.2006, p. 10.
(4) ĠU L 117, 12.5.2009, p. 10.
(5) ĠU L 195, 15.7.2006, p. 22.
(6) ĠU L 144, 9.6.2009, p. 25.
(7) ĠU L 261, 22.9.2006, p. 32.

*ANNESS I*

It-tqassim skont l-Istati Membri tal-ammonti msemmija fl-Artikolu 69(2a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005:

*(Prezzijiet kurrenti f'EUR)*

| | 2009 | 2010 |
|---|---|---|
| Il-Belġju | 2 220 000 | 1 554 000 |
| Il-Bulgarija | 19 500 000 | 13 650 000 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 21 000 000 | 14 700 000 |
| Id-Danimarka | 1 740 000 | 1 218 000 |
| Il-Ġermanja | 50 340 000 | 35 238 000 |
| L-Estonja | 5 340 000 | 3 738 000 |
| L-Irlanda | 15 780 000 | 11 046 000 |
| Il-Greċja | 24 720 000 | 17 304 000 |
| Spanja | 44 880 000 | 31 416 000 |
| Franza | 35 520 000 | 24 864 000 |
| L-Italja | 56 520 000 | 39 564 000 |
| Ċipru | 1 200 000 | 840 000 |
| Il-Latvja | 7 800 000 | 5 460 000 |
| Il-Litwanja | 13 020 000 | 9 114 000 |
| Il-Lussemburgu | 600 000 | 420 000 |
| L-Ungerija | 28 440 000 | 19 908 000 |
| Malta | 600 000 | 420 000 |
| L-Olanda | 2 280 000 | 1 596 000 |
| L-Awstrija | 27 180 000 | 19 026 000 |
| Il-Polonja | 98 700 000 | 69 090 000 |
| Il-Portugall | 26 940 000 | 18 858 000 |
| Ir-Rumanija | 59 820 000 | 41 874 000 |
| Is-Slovenja | 6 780 000 | 4 746 000 |
| Is-Slovakkja | 14 700 000 | 10 290 000 |
| Il-Finlandja | 14 580 000 | 10 206 000 |
| L-Iżvezja | 12 420 000 | 8 694 000 |
| Ir-Renju Unit | 7 380 000 | 5 166 000 |
| Total | 600 000 000 | 420 000 000 |

*ANNESS II*

*“ANNESS*

**It-tqassim skont l-Istat Membru tal-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali (mill-2007 sal-2013)**

*(prezzijiet kurrenti f'EUR)*

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total 2007-2013 | ammont minimu għar-reġjuni li jistgħu jibbenefikaw mill-Mira ta' Konverġenza Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 63 991 299 | 63 957 784 | 62 458 083 | 70 637 509 | 73 167 519 | 75 495 480 | 77 776 632 | 487 484 306 | 40 744 223 |
| Il-Bulgarija (*) | 244 055 793 | 337 144 772 | 456 843 751 | 412 748 664 | 398 058 913 | 397 696 922 | 395 699 781 | 2 642 248 596 | 692 192 783 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 396 623 321 | 392 638 892 | 409 036 387 | 415 632 774 | 406 640 636 | 412 672 094 | 424 262 250 | 2 857 506 354 | 1 635 417 906 |
| Id-Danimarka | 62 592 573 | 66 344 571 | 67 411 254 | 85 052 762 | 91 231 467 | 98 797 618 | 106 488 551 | 577 918 796 | 0 |
| Il-Ġermanja | 1 184 995 564 | 1 186 941 705 | 1 202 865 574 | 1 311 256 553 | 1 322 959 200 | 1 355 761 509 | 1 387 114 950 | 8 951 895 055 | 3 174 037 771 |
| L-Estonja | 95 608 462 | 95 569 377 | 101 036 594 | 104 667 353 | 104 639 066 | 108 913 401 | 113 302 602 | 723 736 855 | 387 221 654 |
| L-Irlanda | 373 683 516 | 355 014 220 | 346 851 422 | 363 518 252 | 351 698 528 | 352 271 063 | 351 503 589 | 2 494 540 590 | 0 |
| Il-Greċja | 461 376 206 | 463 470 078 | 482 113 090 | 492 922 509 | 665 568 186 | 669 030 398 | 671 747 957 | 3 906 228 424 | 1 905 697 195 |
| Spanja | 286 654 092 | 1 277 647 305 | 1 320 830 901 | 1 400 090 047 | 1 227 613 000 | 1 255 978 191 | 1 284 264 263 | 8 053 077 799 | 3 178 127 204 |
| Franza | 931 041 833 | 942 359 146 | 947 341 939 | 1 091 752 155 | 1 169 090 147 | 1 223 917 557 | 1 278 994 332 | 7 584 497 109 | 568 263 981 |
| L-Italja | 1 142 143 461 | 1 135 428 298 | 1 183 870 921 | 1 256 577 236 | 1 403 606 589 | 1 422 949 382 | 1 441 205 996 | 8 985 781 883 | 3 341 091 825 |
| Ċipru | 26 704 860 | 24 772 842 | 23 949 762 | 23 911 507 | 22 402 714 | 21 783 947 | 21 037 942 | 164 563 574 | 0 |
| Il-Latvja | 152 867 493 | 147 768 241 | 150 342 483 | 153 226 381 | 148 781 700 | 150 188 774 | 151 198 432 | 1 054 373 504 | 327 682 815 |
| Il-Litwanja | 260 974 835 | 248 836 020 | 249 948 998 | 253 855 536 | 248 002 433 | 250 278 098 | 253 898 173 | 1 765 794 093 | 679 189 192 |
| Il-Lussemburgu | 14 421 997 | 13 661 411 | 13 255 487 | 13 838 190 | 13 287 289 | 13 281 368 | 13 212 084 | 94 957 826 | 0 |
| L-Ungerija | 570 811 818 | 537 525 661 | 527 075 432 | 529 160 494 | 547 603 625 | 563 304 619 | 584 609 743 | 3 860 091 392 | 2 496 094 593 |
| Malta | 12 434 359 | 11 527 788 | 11 256 597 | 10 964 212 | 10 347 884 | 10 459 190 | 10 663 325 | 77 653 355 | 18 077 067 |

*(prezzijiet kurrenti f'EUR)*

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total 2007-2013 | ammont minimu għar-reġjuni li jistgħu jibbenefikaw mill-Mira ta' Konverġenza Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Olanda | 70 536 869 | 72 638 338 | 73 671 337 | 87 111 293 | 90 406 648 | 96 082 449 | 102 750 233 | 593 197 167 | 0 |
| L-Awstrija | 628 154 610 | 594 709 669 | 580 732 057 | 586 983 505 | 556 070 574 | 545 968 629 | 532 956 948 | 4 025 575 992 | 31 938 190 |
| Il-Polonja | 1 989 717 841 | 1 932 933 351 | 1 971 439 817 | 1 935 872 838 | 1 860 573 543 | 1 857 244 519 | 1 851 146 247 | 13 398 928 156 | 6 997 976 121 |
| Il-Portugall | 560 524 173 | 562 491 944 | 584 180 154 | 625 419 895 | 611 642 601 | 611 692 105 | 610 872 156 | 4 166 823 028 | 2 180 735 857 |
| Ir-Rumanija (**) | 0 | 1 146 687 683 | 1 502 691 530 | 1 401 644 651 | 1 357 854 634 | 1 359 146 997 | 1 356 173 250 | 8 124 198 745 | 1 995 991 720 |
| Is-Slovenja | 149 549 387 | 139 868 094 | 136 508 049 | 134 100 946 | 124 076 091 | 118 858 866 | 113 031 296 | 915 992 729 | 287 815 759 |
| Is-Slovakkja | 303 163 265 | 286 531 906 | 282 749 256 | 266 600 239 | 263 028 387 | 275 025 447 | 319 809 578 | 1 996 908 078 | 1 106 011 592 |
| Il-Finlandja | 335 121 543 | 316 143 440 | 308 265 407 | 313 973 134 | 298 490 092 | 294 408 238 | 288 617 053 | 2 155 018 907 | 0 |
| L-Iżvezja | 292 133 703 | 277 225 207 | 270 816 031 | 280 491 463 | 269 775 513 | 268 860 755 | 266 759 282 | 1 926 061 954 | 0 |
| Ir-Renju Unit | 263 996 373 | 645 001 582 | 706 122 271 | 746 326 084 | 748 994 332 | 752 455 626 | 749 224 152 | 4 612 120 420 | 188 337 515 |
| Total | 10 873 879 246 | 13 274 839 325 | 13 973 664 584 | 14 368 336 182 | 14 385 611 311 | 14 562 523 242 | 14 758 320 797 | 96 197 174 687 | 31 232 644 963 |

(*) Għas-snin 2007, 2008 u 2009, l-approprjazzjonijiet mit-taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG huma ta' EUR 193 715 561, EUR 263 453 163 u EUR 337 004 104 rispettivament.
(**) Għas-snin 2007, 2008 u 2009, l-approprjazzjonijiet mit-taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG huma ta' EUR 610 786 223, EUR 831 389 081 u EUR 1 058 369 098 rispettivament."